

# MA JINTESA' QATT!

## Tislima Lill-

## *Kavallier Surmast*

## *Anton Muscat Azzopardi*

O.S.J., O.R.C.C. A.Mus., L.C.M.

minn JOSEPH GALEA, assistent direttur tal-Banda L'Isle Adam.

**FIT-8 ta' Diċembru 1979 ingħalqet paġna glorjuża fl-istorja mużikali, u b'ittri tad-deheb tniżżel l-isem tas-Surmast Kavallier Anton Muscat Azzopardi mal-mużiċisti li telqu qabilna.**

Mro. Ant. Muscat Azzopardi twieled Ħal Qormi fit-23 ta' Awissu 1903. Huwa iben Wenzu u Emilja.

Mro. Muscat Azzopardi ma twelidx kif jgħidu l-Ingliżi bil-kuċċarina tal-fidda f'ħalqu, jiġifieri bin il-għana.

Fi tfulitu marda qalila ta' erba' snin żammitu fis-sodod sa ma kważi wasslitu f'xifer il-qabar. B'danakollu b'sagrifiċċji mhux żgħir ma baqax ma tgħallimx skola u mużika. Ta' ħdax-il sena narawh jistudja fl-istitut ta' San Ġużepp il-Ħamrun taħt l-ewwel surmastrijiet tiegħu C. Abela Scolaro, id-direttur tal-banda ta' l-Istitut ta' San Ġużepp. Frere Dorotheus għallmu l-arti tal-kant Dik li hi skola u edukazzjoni nisranija ħadhom minn għand Frere Paul.

Bilħaqq kollu dawn l-edukaturi tiegħu baqgħu imnaqqxin f'qalbu. Kien dak iż-żmien li l-

Freres ġew għall-ewwel darba f'Malta. Huma kienu jgħammru, jgħinu u jgħallmu fl-istitut ta' San Ġużepp.

Wara li fieq mill-marda twila tiegħu ssokta jistudja l-mużika għand is-surmast Manwel Spiteri, il-Bandmaster tal-RMA Studja l-armonija għand il-kontrapontist Guze Abdilla u għand il-Prof. Pawlinu Vassallo. Għamel ukoll 7 snin studju għand il-kompożitur Carlo Diacono.

Kompożizzjoni u Direzzjoni huma żewġ ġenji magħżula minn xulxin jistgħu jkunu ndaqs jew wieħed aqwa mill-ieħor kif difatti jinsabu fis-Surmast Muscat Azzopardi.

Għad li l-ġenju predominanti f'Mro. Muscat Azzopardi hi d-direzzjoni, huwa ma baqax ma għamilx użu wkoll minn dik li hi l-kompożizzjoni b'suċċess xejn inqas minn dik tad-direzzjoni.

Barra mir-riduzjonijiet ta'




**Xhieda tal-popolarità li kellu s-Surmast Anton Muscat Azzopardi, wrewħ il-gazzetti lokali, billi korrispondenti minn lokalitajiet differenti esprimew is-sentimenti tagħhom fuq dan is-surmast ta' fama.**

mużika klassika għall-banda huwa għandu tiegħu żewġ Barkaroli, żewġ preghieri, żewġ 'O Salutaris Ostia' sitt Innijiet popolari fuq versi tal-poeti Dun Frans Camilleri u Dr. Ġorġ Zammit LL.D.

Maċ-ċertifikati li huwa kien ġa kiseb wara eżamijiet li ta fl-London College of Music u minn konkorsi fl-Italja, ġiet lilu mogħtija d-Diploma tal-"Associate Mus. L.C.M"

Is-Surmast Muscat Azzopardi ħa taħt idejh il-Banda Sant' Andrija f'Settembru 1932.

Fl-1933 mar Direttur tal-Banda Sliema. Ħa taħt idejh uoll il-Banda Queen's Own ta' l-Isla fl-1935.

Fl-istess sena ħa taħt idejh flok il-mejjet Mro. Lorenzo Gonzi l-banda tar-Riformatorju taħt is-Suprintendent Lorenzo Flores.

Fl-1940 sar Direttur tal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat għal 5 snin, u fl-1950 baqa jżommha sa ma miet.

Fl-istess sena ħa taħt idejh lil Banda Stella Maris ta' tas-Sliema.

Inkoraġġit mill-mibki ħabrieki Kappillan Manche tal-Gżira waqqaf fl-1947 il-Banda "Our Lady of Mount Carmel".

Fl-1950 ġie magħżul b'Direttur tal-Banda San Ġorġ ta' Ħal-Qormi.

Ma' dawn l-attivitajiet insemmu wkoll li fi żmien li l-Banda King's Own kienet diretta mis-Surmast Gobet, Mro. Ant Muscat Azzopardi kien sostitut tiegħu.

Mro. Ant. Muscat Azzopardi iddirieġa wkoll il-banda King's Own f'diversi okkażjonijiet b'avviż ta' żmien qasir.

Dan is-surmast huwa ferm magħruf mhux biss għad-direzzjoni tiegħu fil-banda imma wkoll għall-ħila fit-tagħlim tal-kant.

L-aħħar biċċa xogħol kbira li Muscat Azzopardi kiteb, kien: Innu lil San Ġużepp. Versi ta' l-Avukat George Zammit u mużika ta' Anton Muscat Azzopardi li ndaqq għall-ewwel darba fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp fl-1963 flimkien mal-banda L'Isle Adam kien ħa sehem il-kor tal-Ħamrun flimkien mas-Sopran Hilda Mallia Tabone. Dan l-innu reġa indaqq fil-festa taċ-ċentinarju tal-Patrijarka San Ġużepp. Din id-darba ħa sehem il-kor Kantate Domino taż-Zurrieq u t-tenur Andrew Sapiano.

F'Awissu tal-1971 il-Banda L'Isle Adam ġiet mistiedna biex tieħu sehem fil-festi kbar li saru ġol-Qala Għawdex fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni tal-kwadru ta' San Ġużepp saret talba lis-Surmast personali sabiex iddoqilhom l-innu kbir li ndaqq

għal okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina u s-Surmast Anton Muscat Azzopardi aċċetta bil-qalb kollha. Flimkien mal-Banda L'Isle Adam reġgħu ħadu sehem il-Kor Kantate Domino u s-Sopran Hilda Mallia Tabone. Flimkien mal-Banda kienu telgħu minn Malta għadd ta' ammiraturi ta' l-istess Banda.

Din is-sena l-istess Innu se jindaqq għall-ewwel darba fil-knisja ta' Ġieżu bl-orkestra flimkien mal-kor Francis of Assisi u t-tenur Andrew Sapiano.

L-innu jibda b'introduzzjoni tassew sabiħa. Wara nsegwu l-ewwel kor, "Liema Safa Liema Tjieba." Wara nisimgħu "Andate Sostenuto" fejn insibu l-ewwel solo. 'Is-Sliem għalik Ġużeppi' kif jispiċċa dan is-solo nsibu Passaġġ Maestoso fuq ir-ram, wara dan il-passaġġ insibu allegretto fejn jerġa jidħol il-kor ikanta "Ġejt magħżul mhux biss biex trabbi", kif jispiċċa dan il-kor insibu ieħor verament sabiħ b'erba vuċijiet "Bħal ma



**1963. Is-Surmast Muscat Azzopardi qed jidderieġi l-innu tiegħu stess "San Ġużepp", li ndaqq mill-Banda L'Isle Adam, quddiem il-knisja ta' Ġieżu Rabat, għall-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp.**

Kristu meta fostna''. Wara dan il-kor insibu solo ieħor ''Is-Sliem għalik'' li f'nofsu jidħol ukoll il-kor. Kif jispiċċa nerġgħu insibu allegretto ieħor fuq l-orkestra, kif jispiċċa dan il-passaġġ insibu solo ieħor ''Jekk fuq ismek il-kbir Alla'' u fl-aħħar niġu għal final grandjuż mill-kor ''Għalhekk aħna bħala Wliedek''.

Dan hu l-innu kbir li ħallilna s-Surmast Anton Muscat Azzopardi li hu tant kien iħobb lil dan il-Qaddis. B'dan l-innu għandna l-ikbar u l-isbaħ Opra li qatt kiteb is-Surmast.



**L-istrumentatura tad-ditta "Boosey & Hawks" li nxtrat taħt is-Surmast Ġużeppi Stivala u żżanżnet fil-5 ta' Marzu 1950, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anton Muscat Azzopardi.**

**Kont Taf?**

Li hawn Opra Maltija bl-isem ''L'Isle Adam'' kien kitibha s-Surmast magħruf Giuseppe Malfiggjani li għex bejn 1828-1893, twieled il-Belt Valletta. L-Għaqda Mużikali tagħna ta' min iddoqqha xi darba.